# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 44

**Il-Ħamis, 16 ta' Diċembru, 2021**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku (ċerman) |
| Is Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku (onlajn) |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier (onlajn) |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JBD) | Kunsillier (onlajn) |
| Is Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier (onlajn) |
| Is Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier (onlajn) |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

**ASSENTI:**

NIL

**UFFIĊJALI PRESENTI:**

Is Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ppresieda.

Is-Sindku informa, li minħabba l-pandemija tal-COVID 19, intalab minn ħames membri biex jipparteċipaw onlajn. Din it- talba ġiet aċċettata.

## 44.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

44.01.01 (SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittra t'apoloġija, mingħand il-kunsillier (DP). Il-Kunsill laqa' din it-talba, u approvaha.

## 44.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 43)

44.02.01 (JBD) irrimarkat li fl-iskeda tal-pagamenti - vers (43.03.02) fir-rigward għall-ispejjeż tal-attivitajiet, hija insistit li d-deċiżjonijiet fuq kwotazzjonijiet qatt ma ħadithom waħedha imma dejjem kien involut is-Sindku. (SE) wieġbet li ma kienx issemmgħa isimha, imma kienet ġibdet l-attenzjoni ta' kullħadd. Għaldaqstant, vers (43.03.02) ġie kkunsidrat bħala tajjeb u ma hemmx lok għal korrezzjoni.

44.02.02 (AC) irrimarka fuq vers (43.06.01) fejn (SC) riedet tiġi (SE). Din ġiet ikkoreġuta, kif meħtieġ.

44.02.03 (AC) irrimarka wkoll fuq vers (43.07.01), fir-rigward il-votazzjoni dwar l-assignment lill-kuntrattur il-ġdid tal-ġbir tal-iskart. Din il-votazzjoni kellha tiġi taqra: <u>Favur 6</u>, <u>Kontra 0</u> u <u>1 assenti</u>, peress li ma kienx preżenti, waqt il-laqgħa preċidenti.

44.02.04 (AC) ġibet l-attenzjoni ta' (SE), li f' vers (43.09.02) il-kelma boading riedet tiġi mibdula għal kelma hoarding.

<u>Prop (SZ)</u> <u>Sek (JF)</u>

## 44.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

44.03.01 (JBD) staqsiet għal xix kien qiegħed jirreferi pagament vers -numru 21. (SE) u (SC) irrispondew li kien qed jirreferi għad-dawl tal-fustun.

44.03.02 (JBD) staqsiet fuq pagament vers - numru 61 u rrimarkat li r-ritratti ta' dan il-fornatur, għadhom ma ġewx uplowdjati fuq il-paġna ta' facebook. (SC) spjega li kien min-naħa tiegħu, għax ma kellux ċans inizzilhom.

44.03.03 (SZ) staqsa fuq ir-rigali tal-Milied, kienx hemm talba għal kwotazzjonijiet. (SC) u (SE) ikkonfermaw li kien hemm talba għal tliet kwotazzjonijiet, hekk kif titlob il-proċedura.

<u>Prop (JF)</u> <u>Sek (SZ)</u>

## 44.04 Approvazzjoni ta’ Kwotazzjonijiet

1. Uniformjiet tal-istaff tal-Kunsill - (SC) talab għal kwotazzjonijiet ġodda, għax dawk provduti jmorru lura għas-sena 2018.

2. Restawr tal-pittura fil-Kapella tas-Sagra Familja - Intgħażlet il-kwotazzjoni (A) għal prezz ta’ €4721.18 – mingħand Art Conservation Consortium.

3. Servizz provdut, biex isir l-istruttura tal-kuntratt dwar il-Contracts Management, kif ukoll tas-servizz tal-knis, madwar il-lokalità – (JB) fakkar kif dan is-suġġett kien diġà ġie deċiż f’ żewġ seduti preċidenti, fejn il-preparazzjoni tat-tenders għandhom jiġu magħmula mis-(SE). (SC) irrimarka li l-proċess biex is-(SE) tkun lesta li tagħmel dan ix-xogħol jieħu fit-tul. (SE) infurmat li l-prospectus mill-IPS għal dan il-kors għad irrid jiġi ppubblikat, għall-aħħar ta’ Jannar, 2022 u li m’hemmx ċertezza li dan il-kors ser ikun provdut. Barra minn hekk, wieħed irrid ikollu ċertu esperjenza biex ikun jista’ jagħmel dan ix-xogħol. Ittieħed vot li sakemm isir it-taħriġ ser jibqgħu għaddejjin bil-kuntratt tal-preparazzjoni tat-tender. (AC) sostna li din ser tkun l-aħħar darba li ser ikun qiegħed jivvota favur, sabiex dan is-servizz jingħata lil terzi persuni. (JB) ma qabilx ma’ dan il-kuntratt tal-istrutturar tat-tender u baqgħa jsostni li jrid isir mis-(SE). Peress li l-maġġoranza tal-kunsilliera qablu li dan is-servizz għandu jingħata lil terzi, intagħżlet il-kwotazzjoni (Ċ) – Wayne Caruana, għal prezz ta’ €1,500.00, li tkopri l-kuntratt tal-Contract Management u strutturar tat-tender tal-knis.

4. Bankijiet f’ żoni pubbliċi – (SC) tkellem dwar id-direct order ta’ xiri ta’ bankijiet magħmulin minn recycled plastic, fejn fakkar li matul is-sena nxtraw b’madwar €5,000.00 f’bankijiet, u li mal-ordni kien għad fadal żewġ bankijiet li kienu jiswew €413.00 - il wieħed. Il-prezz il-ġdid li tagħna dan l-istess fornitur, għas-sena d-dieħla issa huwa ta’ €70.00 għola mill-prezz ta’ qabel. Il-kwotazzjoni (Ċ) huwa ta’ fornitur ieħor li għandu bankijiet simili ħafna għal prezz ta’ €430.00. Hu sostna li hemm il-bżonn biex jinbidlu l-bankijiet preżenti kollha ta’ Dawret il-Qalb Imqaddsa, liema dawn il-bankijiet jinvolvu ħafna manutenzzjoni li qed tiġi tiswa ‘l fuq minn €4,000.00, fis-sena. Ittieħed vot biex jinxtraw dawk iż-żewg bankijiet pendenti mingħand l-ewwel fornitur, filwaqt li l-kumplament jinxtraw mingħand supplier (Ċ) – Dimech Enterprises, li l-ammont ma jaqbiżx is-somma li jiġi ppubblikat tender. (SZ) staqsa jekk forsi jistax isir ftehim ma’ dan l-istess fornitur, biex jintrabat li jekk ikun hemm il-bżonn li jinxraw iktar bankijiet, għal żmien sena, ikun jista’ jiprovdilna l-istess tip ta’ bankijiet anki jekk mhux b’istess prezz. Il-vot għadda.

5. Kitchenette Appliances – Ġew ipprovduti tliet kwotazzjonijiet għal fridge/freezer u sink tal-platti. Ġie maqbul li tinxtara fridge/freezer mingħand il-fornitur (Ċ) – Ventura Enterprises, għal prezz ta’ €282.00 u sink mingħand il-fornitur (E) – Beko Home, għal prezz ta’ €99.00.

## Il-Kunsillier (AC) talab li jiskuża ruħu. Ħin 17:45

## 44.05 Komunikazjoni mis-Sindku

44.05.01 Is-Sindku informa lil kunsilliera li hu, il-viċi Sindku u (JB), kellhom meeting mas-CEO Dr. Charlon Gouder tal-Aquatic Culture Resource Ltd., rigward il-proċess ta' Tuna Facilities li qegħdin jibnew ġewwa Ħal Far, fejn ġiet ippreżentata ittra li ser tkun qed tittellgħa f'seduta oħra. Is-Sindku qara din l-ittra li nagħtat lilu u ta' sommarju tal-proċess ta' dan l-impjant li fih ħa jiġi proċessat l-għoxrin fil-mija tal-fdalijiet tal-blue fin tuna, biex flok jintrema' fil-baħar, ikun jista' jiġi riġenerat biex jintuża bħala fish food għall-qtates u fish oil li jintuża' bħala vitamina. Fil-laqgħa ġie mistoqsi dwar l-ammont ta' riħa u emmissjonijiet li joħroġ minn dan l-impjant u l-mezzi tat-trasportazzjoni ta' dawn il-fdalijiet. Huma ġew infurmati li dawn il-fdalijiet ser jiġi trasportat mill- Port Ħieles, għal Ħal Far, f'boroż apposta, filwaqt li s-Sindku ħa jkun qed jagħmel rikjesta għal CSR document ma' din il-kumpanija li ħa tieħu ħsieb dan l-impjant. (SZ) talab li jipprovdulna hard copy tar-rapporti li ser jissottomettu għall-applikazzjoni, biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel il-verifiki tiegħu wkoll.

44.05.02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kellu laqgħa ma' Raphael Abdilla u Noel Vella, rappreżentanti ta' Infrastructure (Malta), fejn ġie diskuss il-proġett ta' San Ġorġ, u r-roundabout hump, li ġiet imneħħija. Ġie provdut ukoll il-Purchase Order tal-ġnien ta' San Ġorġ, sabiex jinformawna jekk jidħlux għal dan il-proġett huma, min-naħa tagħhom. Jew bħala ġnien kif jinsab fil-preżent, jew inkella jsir upgrade tiegħu. Tqajjem ukoll il-punt fir-rigward tal-ħtieġa biex issir Bypass, crash barriers fi Triq iż-Żurrieq u Wied il-Qoton. Il-Kunsill ġie infurmat li għaddej il-proċess ta' Triq il-Fortizza ta' Bengħaisa u ta' Triq Għar Ħasan, kif ukoll sqaqien fl-inħawi tal-madwar u li ser tinqala' t-Triq ta' bejn San Ġorġ, għal Dawret il-Qalb Imqaddsa, sal-piċċ tal-waterpolo. Il-Kunsill wera t-talba tiegħu, sabiex issir id-dawra kollha, mid-dħul tan-naħa tal-Qajjenza, sa ħdejn il-Bank lokali, imma għad irridu nistennew deċizzjoni, min-naħa ta' Infrastructure (Malta). Ġie diskuss ukoll in-niżla tal-Qajjenza, għax għadhom ma sarux il-bollards u l-anti slip tarmac.

44.05.03 (SC) tkellem ukoll dwar laqgħa li kellu ma' Transport Malta, fir-rigward il-European Mobility Week, fejn il-Kunsill irnexxielu jikkwalifika għas-somma sabiħa ta' €25,000.00, fi proġett u kif irnexxilna wkoll niġu kklassifikati bħala s-second runner up. Hemm propost pjan mill-perita, għaż-żona ta' Triq iż-Żebbuġ, sabiex isiru bankijiet, pavimentar u tħawwil ta' siġar. Fuq dan il-proġett ġie kkalkulat is-somma ta' €25,000.00, filwaqt li l-BOQ hija dik ta' €50,000.00 Is-Sindku talab jekk immorrux għal dan il-proġett tal-perita u jittieħdu l-fondi ta' €25,000.00. (SZ) issuġġerixxa li mmorru għall-pjan tal-perita imma jiżdiedu żewġ parkeġġi oħra u tiġi riveduta s-sistema tal-one ways. Is-Sindku ppropona li jintalab revised plan.

## 44.06 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

44.06.01 (AC) spjega ż-zieda fil-costings tal-bust ta' San Ġorġ Preca, fejn din kienet attribwita għal bażi tal-pedestal tal-bust li kien sar tal-konkos u wara ġie deċiż li ssir taż-żonqor, għax kienet tmur iktar ma' dan il-proġett. (SE) ġibdet l-attenzjoni li meta tkun inħarġet il-PO, il-probabilità tkun, li kienet ġiet deċiża fuq bażi bħala l-orħos kwotazzjoni, imma biż-żieda addizzjonali, il-costing tkun qabżet kwotazzjonijiet oħra li setgħu kienu qed jikkompetu fuq l-istess binarju.

44.06.02 (AC) irrimarka fuq l-inċident tal-automatic barrier. Li kien ġara kien li, intilef ħafna ħin minħabba li l-kompjuter huwa antik u hemm bżonn li jinbidel. Dan irrid isir, jekk il-Kunsill jixtieq li jkun f' pożizzjoni li jara l-filmati tas-CCTV.

44.06.03 (AC) sostna li kellu lmenti minn kuntratturi, li l-maniġer tal-kuntratti, fi ħdan il-Kunsill, qatt ma jmur jagħmel spezzjoni fuq il-postijiet tax-xogħol, imbagħad jaqbad u joħroġ id-default notices, bl-addoċċ. (SC) irrisponda li l-kuntrattur ikollu aċċess għad-default notices, u qabel ma joħorġu, il-maniġer tal-kuntratti, dejjem jagħmel ir-rapport tiegħu skont il-każ, filwaqt li l-uffiċċju jieħu ħsieb li jibgħatilna kopja, tal-istess rapport. (SC) sostna wkoll, li fil-kuntratt il-ġdid tal-Contracts Manager, ser jiġi mitlub, sabiex jibda jsir sorveljanza aktar frekwenti. (JB) talab li l-maniġer tal-kuntratti għandu jipprovdi r-ritratti tal-istess nuqqasijiet, filwaqt li l-kuntrattur għandu dritt li jikkontesta. (SC) qal li dan l-istess kuntrattur talab għal-laqgħa mal-Kunsill, liema laqgħa kellha ssir xi ġimagħtejn ilu, imma minħabba li l-avukat tiegħu ma setax jattendi, ġiet ikkanċellata. Kien hemm data oħra biex issir din il-laqgħa, iżda s-Sindku kellu l-qorti, u kellha tiġi mħassra.

44.06.04 (JF) talab li hemm bżonn li jsir eżerċizzju biex jittkejlu l-ħsejjes u l-emissjonijiet fid-dħul ta' Birżebbuġa min-naħa ta' Għar Dalam u jekk hux possibbli li ssir Bypass li ilha tissemma' għal ħafna żmien. (SE) ser tkun qed tressaq it-talba tal-Kunsill lil ERA, sabiex jintalbu jagħmlu survey ta' dawn l-emissjonijiet.

44.06.05 (JF) talab ukoll li l-foreman jingħata kumpens minħabba li jkun bil-leave u xorta jidħol filgħodu biex iqassam il-ħaddiema tiegħu. (SE) qalet li din ma tistax issir, imma jistgħu jiżdiedulu siegħat żejda mal-leave biex jiġi kkumpensat. Ġie mqajjem il-punt li l-foreman ħa xahar leave, fejn (SE) emfasizzat li hi ma' kinitx ġiet infurmata fuq il-leave tal-foreman. Ġie deċiż li l-foreman jingħata kumpens ta' siegħa u nofs leave żejda għal kull ġurnata leave li ħa.

44.06.06 (JF) rrimarka rigward ix-xogħol, li qatt ma sar fil-Ġnien tal-Papa. (SC) informa li kellhom diversi laqgħat mal-Ministru, imma minħabba li kien sar reshuffle tal-Ministri, il-commitments tal-Ministru ta' qabel, ma setgħux jiġu onorati. Għaldaqstant, il-Kunsill seta jipproċedi bil-fondi ta' Measure 4 u x-xogħlijiet hemm il-ħsieb li jibdew għal ħabta ta' Jannar/Frar. Intalab biex jintbagħtu l-pjanti biex ir-residenti jkunu jafu kif ġej il-proġett u li ħa jsir min-naħa tal-Kunsill. (SZ) spjega għalfejn dan il-proġett qed jieħu daqshekk fit-tul u li d-dewmien ġie min-naħa tal-Gvern u mhux mill-Kunsill. (SC) żied jgħid li l-parti tal-bandli mhuwiex inkluż f'dan il-proġett li applika għalih il-Kunsill.

44.06.07 (JF) ressaq il-punt li Birżebbuġa spiċċat bla Berġa tas-Saħħa u ssuġerixxa li għanda ssir minflok dar, ħdejn it-tankijiet tas-Shell. (SC) informa lid-Dipartiment tas-Saħħa kemm – il darba, imma s'issa għad m'hemmx risposta.

## 44.07 Punti mressqa mis-Segratarju Eżekuttiv

44.07.01 (SE) spjegat kif ġiet avviċinata minn waħda mill-ħaddiema li ilha taħdem fuq bażi ta' part time għal dawn l-aħħar tmien snin, u li talbet biex titla' minn skala (15) għal (14). Meta (SE) iċċekjat mad-dipartiment, irriżulta li minn skala (15), issa saru jitilgħu għal skala (13) u mhux (14), u trid tkun ilha fl-iskala (15) minn tal-inqas ħames snin. Is-Sindku talab lil (SE) sabiex tiċċekja mall-iskrivani, kif kien il-proċess tagħhom, sabiex għollew fl-iskali.

44.07.02 (SE) talbet biex tkun intitolata għal uniformi bħal tal-istaff feminili. Ma kienx hemm oġġezzjoninjiet għal din ir-rikjesta, iżda ntalbet sabiex tissottometti l-kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

44.07.03 (SE) ġabet għall-attenzjoni, li meta jkun hemm xi rikjesta minn barra, u tiġi proċessata internament, ma jiġux ikkupjati dawk il-persuni barranin li għamlu r-rikjesta. Hi sostniet li l-persuna li għamlet ir-rikjesta, għanda tiġi biss infurmat bid-deċiżjoni finali. (SZ) irrimarka li ċerti rikjesti jkun iktar faċli jekk jibqgħu kkupjati min għamel ir-rikwesta, imma (SE) ma qablitx ma dan. Ir-risposta lil min ikun qiegħed jressaq it-talba, għanda tkun f'isem il-Kunsill u mhux f'isem kunsillier partikolari.

44.07.04 (SE) għamlet talba lil Kunsilliera għal min jixtieq ikun jifforma parti mill-evaluation board tat-tenders li hemm pendenti, li huma tal-Contracts Manager u dak tal-iStreet Sweeping.

Ġie deċiż li fl-evaluation board tal-Contract Manager ikun hemm - Wayne Caruana, Scott Camilleri, Alex Caruana, Josette Busuttil u Hugh Zammit

Għal evaluation board tal-iStreet Sweeping – Scott Camilleri, il-Perit Carmel Cacopardo, Maria Mifsud, Stanley Zammit u Alex Caruana.

Is-segretarju Eżekuttiv iservi dejjem bħala s-segretarju.

## 44.08 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

44.08.01 (SZ) irrimarka dwar il-one way system ta' Triq Santa Marija, fejn għadha ma nbagħtitx lil TM. (SE) staqsietu jekk dan bgħattx id-dokumenti lill-uffiċċju, għall-ipproċessar.

44.08.02 (SZ) informa fir-rigward il-proġett tat-toroq tal-Qajjenza. Kien hemm feedback, imma fakkar li waqt l-analiżi ta' dan il-feedback għandu jintalab għal parir ta' TM.

44.08.03 (SZ) Tkellem ukoll rigward ir-roads humps. Huwa spjega li kien hemm żewġ appuntamenti mal-perita fejn (AC) talab għal xi kjarifikazzjoni biex ikun jista' jibda l-proċess tax-xogħol mill-kuntrattur. Ġie wkoll diskuss mal-perita, fejn għandu jsir humped zebra crossing fl-entratura ta' Triq iż-Żurrieq, filwaqt li l-perita għandha tiddisinja s-sistema taż-zebra crossing u wkoll is-sistema ta' kif jinġabar b'mod ikkontrollat l-ilma tax-xita li jiġi mit-toroq tal-madwar. (SZ) talab li jekk ikun hemm xi suġġerimenti oħra, wieħed għandu jagħmilhom. (SC) saħaq li kull proġett li jkun għaddej irid ikun jaf bih hu, biex ikun jista' jiġi approvat mingħandu. (SZ) tkellem ukoll dwar ir-road hump ta' Triq il-Port Ħieles, fejn issuġġerixxa lil perita, li r-road hump tersaq iktar lejn il-ground tal-football biex ikun ikkontrollat aħjar l-ilma tax-xita. (SZ) qal li hemm approvazzjoni għal road hump fi Triq tal-Ġebel, iżda r-residenti ta' Triq il-Klima jixtiequ li r-road hump titressaq ftit 'il fuq biex jiġi evitat periklu biex tgħaddi għal Triq tal-Ġebel, minħabba li fuq naħa hemm ħajt għoli. (SZ) informa li sar rapport mill-Works Division tal-Gvern biex jiġu rranġati numru ta' ħsarat fi Triq tal-Ġebel, fejn hemm żewġ road humps maqlugħin u xi mirja mkissrin.

44.08.04 (SZ) kellu talba mingħand xi residenti, biex ma jindaqqux ħornijiet għalxejn, ħdejn il-piċċ tal-waterpolo, speċjalment fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. (JB) ma qabilx li ssir tabella biex ma jindaqqux ħornijiet, għax inkella jkun hemm ħafna talbiet simili. (SC) ssuġġerixxa li ssir tabella "Respect the residents".

44.08.05 (JBD) irrimarkat biex jinqelbu l-linji ta' Triq il-Qajjenza ħdejn Ferretti restaurant, li kienet ġiet diskussa waqt żewġ seduti qabel. (SZ) ikkonferma li ma kienx hemm deċiżjoni ċara fuq din il-kwistjoni u (SC) talab lil (SZ) biex issir pjanta li tindika l-parkeġġi kif jiġu, u tittieħed deċiżjoni dwara mill-Kunsilliera, permezz ta' emajl.

44.08.06 (JBD) kellha lment minn xi residenti tal-Qajjenza, li ma rċevewx l-ittra tal-proġett tal-one-way system, fil-Qajjenza. (SC) qal li bagħad wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill biex iqassam l-ittri, u talab li jekk ikun hemm min ma rċeviex, tintbagħatlu oħra.

44.08.07 (JBD) irrimarkat li kienet talbet Communal Parking għal persuna b'diżabiltà, ħdejn il-Miracle Foods u staqsiet f'liema stat kien wasal il-proċess. (SZ) qal li saret talba lil Infrastructure (Malta), għas-senjalaġġ ta' din iż-żona. (SC) u (SZ) qablu li dan il-Communal Parking għandu jiġi inkluż fil-pjanta.

44.08.08 (JBD) staqsiet jekk hux ħa jkun hemm replacement tal-mobile toilet li nsteraq minn ħdejn il-latrina tal-bajja ta' San Ġorġ. (SC) irrisponda li ħa jġibu ieħor u jsir mezz li ma jerġax jinsteraq. (MM) staqsiet fl-liema stadju wasal ix-xogħol fuq il-latrina. (SC) ikkonferma li l-ħaddiema għaddejjin bix-xogħol tal-plumbing.

44.08.09 (JBD) irrimarkat li għad hemm familji ġewwa Bengħaisa li ma għandhomx is-sistema ta' drenaġġ u għadhom bil-fossa. Hi staqsiet jekk nistgħux napplikaw għas-sistema tad-drenaġġ. (SC) qabel li għanda tintbagħat korrespondenza lil WSC, biex issir is-sistema ta' drenaġġ, għal dawn ir-residenti.

## 44.09 Proġetti u skemi

44.09.01 (SZ) staqsa f'liema stat wasal il-proċess tar-restawr. (SE) informat li r-restawr, wasalna fil-proċess fejn għad irrid jinfetaħ kont bankarju, fis-Central Bank, għal pre-financing. Peress li kien hemm il-bdil tas-Sindku, fil-preżent, għadna qed nikkordinaw mal-Bank. Saret ukoll applikazzjoni mal-ARPA biex ngħadddulhom id-dettalji tal-Bank, sabiex ikunu jistgħu jiddepożitaw l-advanced payment. (SE) iċċarat il-fatt li r-restawr tal-pittura, il-proċess xorta jrid jgħaddi mis-sistema tal-ePPs, filwaqt li r-restawr tal-għamara, irid isir permezz ta' tender. Is-Sindku talab lil (SZ), sabiex f' dawn il-jiem jiltaqgħu flimkien u jaraw kif jista' jipproċessaw.

44.09.02 (SZ) staqsa f'liema stat wasal il-proġett ta' Ġnien Indipendenza. (MM) irrispondiet li safejn tinsab infurmata, kienu qed jinżabru s-siġar. (SZ) staqsa jekk id-dawl ta' dan il-ġnien huwiex inkluż. (SC) qal li jrid jiċċekja fuq dan.

44.09.03 (SZ) staqsa rigward il-librerija pubblika, u li kien hemm il-pjan li ssir fl-iskola, kantuniera ma' Triq Zaren Dalli u ma' Triq San Mikiel. (SC) qal li din kienet inqalat fi żmien żewġ Kunsilli preċidenti u li kellha ssir devoluzzjoni tal-art, iżda qatt ma mexxew dwara. (SZ) staqsa wkoll dwar il-ħsieb li kien hemm li issir librerija fiż-żona tal-bandli ta' fejn l-iskola u li kienet ser tagħmel parti minn Ċentru Ċiviku. (SC) ikkonferma li l-Kunsill għadu ma semgħa xejn fuq din il-biċċa ar,t li trid tiġi devoluta, min-naħa tal-Gvern.

## 44.10 Indafa u ambjent

44.10.01 (MM) staqsiet rigward iż-żona li tagħmel parti minn Triq Ġeorge Zammit, fejn qed tintuża bħala dumping area mill-kuntratturi tal-bini li hemm fil-viċinanzi. (MM) staqsiet jekk tistax tintuża bħala parking area. (SC) issuġerixxa li jsiru żewġ bankijiet u fanali biex issir reading area.

44.10.01 (MM) irrimarkat dwar il-konflit li hemm bejn il-kuntrattur tal-knis u l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, fejn qed jingħad li qiegħed jiftaħ il-boroż u jħallihom miftuħin. (SC) qal li kellem lil maniġer tal-kuntratti u lil kuntrattur tal-knis, biex jonora l-kuntratt tiegħu. (SC) sostna wkoll li kellu diskussjoni taħraq maż-żewġ kuntratturi, fuq din il-problema.

44.10.01 (JBD) talbet biex isiru tiswijiet fuq il-bank, biswiet il-piċċ tal-waterpolo, li qed jagħmel dehra kerha. (SC) qal li ħa jkellem lil tal-waterpolo biex jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-bank, hekk kif kien miftiehem, verbalment.

## 44.11 Attivitajiet

44.11.01 (SC) Faħħar ix-xogħol li għamlet (JBD), speċjalment f'żewġ attivitajiet għall-anzjani, kif ukoll lil Simone Fenech tal-għajnuna li tat.

## 44.12 Kultura, żgħażagħ u sport

44.12.01 (CS) Talab li jinħatar sotto kumitat biex tibda tinħoloq skeda, speċjalment għal piċċ tar-ramel, li għadda minn vandaliżmu sfrenat u kellu jsir tiswijiet kontinwu. Huwa talab li rridu nfasslu set ta' regolamenti ġodda għall-użu ta' dan il-piċċ, fejn il-Kunsill jiltaqa' mal-assoċjazzjonijiet kollha li normalment jagħmlu użu minnu, u ninfurmawhom bir-regolamenti l-ġodda, ħalli jitnaqqsu dawn l-atti vandali. Dawn l-assoċjazzjonijiet iridu jiġu avżati minn dan is-sotto kumitat, bit-tariffi u li għandhom jiprovdu l-iskeda tal-attivitajiet li għandhom ippjanati għas-sena d-dieħla. Huwa ssuġġerixxa li anki jitwaħħlu tabelli fiż-żona ta' dan il-piċċ, speċjalment, biex jiġi mħares mill-vandaliżmu.

## 44.13 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

44.13.01 (SZ) - Transport Pubbliku - irrimarka dwar id-dewmien biex jitlestew il-bus shelters ta' Triq Ħal Far u Triq Despot. (SC) qal li ser tintbagħat ittra bl-avukat. (SZ) staqsa jekk kien sarx follow-up fir-rigward il-bus shelters il-ġodda. (SC) qal li ħa jkellem lil (AC) fuq din il-materja. (SE) qalet li saret talba lil AKL fejn kull darba li nistaqsuhom f'liema stat waslu, dejjem jirrispondu li qegħdin fil-proċess.

44.13.02 (SZ) kellu talba għal bus stop ta' Salvun, ħdejn il-Jobs Plus, direzzjoni Birżebbuġa u oħra quddiem Villa Blanche. (SC) qal, li għanda ssir talba għal dawn il-bus stops.

44.13.03 (SZ) staqsa jekk kienx hemm feedback mingħand il-Ministru, rigward il-parkeġġ fl-ex-impjant tal-gas. (SC) ikkonferma li ma kienx hemm l-ebda feedback.

44.13.04 (SZ) staqsa jekk irċivejniex ir-rapport tal-ħsejjes tat-trakka ta' Ħal Far, li kien wegħdna s-Segretarju Parlamentari waqt il-laqgħa li kienet saret il-Kunsill. (SC) u (SE) ikkonfermaw li r-rapport għadu ma wasalx.

44.13.04 (JBD) staqsiet jekk għas sena d-dieħla, jistax jintrema xi armar tal-Milied, ukoll fl-inħawi tal-Qajjenza. (SC) u (SZ) qablu ma' din il-proposta.

## 44.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.14.01 (SE) Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-tmienja ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta (45) ser issir, nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannnar, 2022, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Deċiżjoni tal-post, ttieħed skont kif tkun is-sitwazzjoni tal-pandemija, f' dak iż-żmien.

44.14.02 (SC) irringrazzja tal-għajnuna u s-sapport li sab wara l-mitt ġurnata ta' kemm ilu li laħaq Sindku. Huwa awgura l-Milied u s-Sena t-tajba lil kulħadd.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | ______________________________ |
| Scott Camilleri | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |